**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 78/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jael Vella**

Illum, 24 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Jael Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 133901(L), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-31 ta' Mejju 2022 għall-ħabta ta' 20:16 hrs ġewwa Triq il-Kunvent, Zabbar, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BCR 043:

1. Użа, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, għall-użu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2023, fejn il-Qorti għaddiet sabiex tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Marzu 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lil Jael Vella ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li nhar it-12 ta' Jannar 2024 "*Dr Noel Bianco għall-appellat qed jissoleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni bid-dekors ta' sitt xhur u dan għaliex mill-atti jidher illi filwaqt li r-reat kien kommess fil-31 ta' Mejju 2022, l-ewwel smiegħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati seħħ fis-17 ta' Jannar 2023 u mill-atti ma ġiet esebita l-ebda referta li tindika meta l-appellat kien notifikat*".

Semgħet ix-xhieda ta' Sandro Vella u ta' l-Assistent Reġistratur Stephania Testa Calafato nhar it-8 ta' Marzu 2024.

Semgħet trattazzjoni limitatament dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellat qanqal il-preġudizzjali ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni bid-dekors ta' sitt xhur issa fi stadju ta' reviżjoni għalkemm huwa l-Avukat Ġenerali li qed jappella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti stante illi l-appellat kien illiberat mill-uniku imputazzjoni lilu addebitata. Jisħaq li għalkemm mill-atti jidher illi r-reat addebitat lilu kien kommess fil-31 ta' Mejju 2022, l-ewwel smiegħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati seħħ fis-17 ta' Jannar 2023, b'nuqqas ta' provi fl-atti li jindikaw meta effettivament kien notifikat biċ-ċitazzjoni.

Illi, minn daqqa t'għajn lejn iċ-ċitazzjoni jirriżulta illi ż-żmien temporali meta allegatament seħħ ir-reat li dwaru l-appellat kien mixli huwa indikat bħala dak tal-31 ta' Mejju 2022 bejn 20:15hrs u 20:45hrs. Illi l-ewwel smiegħ quddiem il-Qorti tal-

Maġistrati seħħ kważi tmien xhur wara u ċioe' nhar is-17 ta' Jannar 2023. Illi mbagħad mir-riferta ezebiti in atti, fuq ordni ta' din il-Qorti, jemerġi illi l-appellat kien notifikat bis-smiegħ tal-kawza nhar il-25 ta' Awwissu 2022, u dana meta ħuh Tristan Vella aċċetta l-istess riferta għan-nom tiegħu.

Issa d-difiża tikkontendi illi din ma hijiex notifika valida stante illi Tristan Vella għadu minorenni. Illi fil-fatt fuq ir-riferta in-numru tal-karta ta'l-identita ta' Tristan Vella huwa indikat bħala 0349006L. Illi l-Qorti fuq talba tad-difiża semgħet ukoll ix-xiehda ta' missier Tristan, Sandro Vella li ikkonferma illi fid-data meta kienet ikkonsenjata ir-riferta lil ibnu Tristan, dan kellu ħmistax-il sena.

Illi t-tielet proviso għar-regolament 4(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjaraja 9.22 li jitkellem dwar il-metodu ta' notifika ta' atti ġudizzjarji jistipula illi:

> **"….. l-ebda taħrika ma għandha titħalla ma' persuni <u>taħt l-età ta' erbatax-il sena,</u> jew ma' xi persuna li, għal raġunijiet ta' mard tal-moħħ, ma tistax tixhed rigward dik in-notifika, u dik il-persuna għandha tiġi preżunta li tkun kapaċi tagħti xiehda sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju."**

Bis-sub-inċiż (2), imbagħad jipprovdi:

> **L-ebda oġġezzjoni ma tista' titressaq fuq il-bażi ta' irregolarità tan-notifika għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-provisos ta' hawn qabel, jekk jirriżulta li n-notifika fil-fatt tkun waslet għand il-persuna li kellha tirċeviha jew jekk il-persuna tidher quddiem il-Qorti.**

Jirriżulta għalhekk illi mhux biss in-notifika saret skont il-liġi meta tħalliet ma' persuna 'il fuq minn erbatax-il sena, iżda ukoll illi r-riferta jew il-kontenut tagħha ġew mgħoddija b'suċċess lill-appellat tant li effettivament huwa kien preżenti għas-seduta quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jiddefendi ruħu għall-imputazzjoni lilu addebitata. Stabbilit kwindi illi n-notifika tat-taħrika mħollija f'idejn ħu l-appellat Tristan Vella hija waħda valida stante illi nhar il-25 ta' Awwissu 2022, huwa kellu 'il fuq minn erbatax-il sena, il-perijodu perentorju ta' sitt xhur ai fini tal-preskrizzjoni kien għadu qed jiddekorri u ġie interrott permezz tal-istess notifika li saret. Għaldaqstant ċertament li l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat ma kinitx waħda preskritta u l-eċċezzjoni minnu mqajjma issa fi stadju ta' reviżjoni ma tistax tiġi akkolta.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-appellat u tordna l-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell ta'l-Avukat Ġenerali.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**